**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 08 ta' Frar, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kim Borg Nicolas Virtu**

**Kumpilazzjoni Numru: 12/2021**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Kim Borg Nicolas Virtu, ta' 29 sena, imwielda Pieta' nhar il-31 ta' Awwissu 1991, bint Martin u Patricia nee' Camilleri, indirizz mhux maghruf u detentrici tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 602291(M).

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:-

1. Nhar l-24 ta' Frar 2020 bejn l-05:00 ta' filghaxija u s-06:00 ta' filghaxija ghamlet xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (sub-titolu III, fuq il-Frodi) ghad-detriment ta' Mouhammed Bidane u/jew persuni ohra;

2. Nhar is-27 ta' Marzu 2020 ghal-habta ta' bejn it-08:15 ta' filghodu u t-08:30 ta' filghodu minn gewwa BD Supermarket, Triq il-Flotta, Gzira, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u/jew affarijiet ohra ghad-dannu ta' Kancon Kancon u/jew persuni ohra, u/jew kumpanijiet ohra;

3. Bejn il-lejl ta' l-10 ta' April 2020 u l-11 ta' April 2020 gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni CLY 189 li kienet fi Triq Sir Charles Cameron, Gzira, ikkommettiet serq ta' mobile phone ta' ghamla Samsung J6 u flus kontanti u/jew affarijiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', bil-'hin', u bix-'xorta tal-haga misruqa' liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Marijo Bosnjak u/jew persuni ohra;

4. Nhar il-05 ta' Mejju 2020 ghal-habta tal-10:00 ta' filghodu minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCW 696 li kienet fi Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira, ikkommettiet serq ta' mobile phone ta' ghamla Iphone 6 u flus kontanti u/jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' u bix-'xorta tal-haga misruqa' liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Raymond Bonello u/jew persuni ohra;

5. Nhar it-08 ta' Mejju 2020 ghal-habta ta' bejn l-04:00 ta' filghodu u l-05:00 ta' filghodu minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBX 237 li kienet fi Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommettiet serq ta' mobile phone ta' ghamla DOOGEE u flus kontanti u/jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'hin' u bix-'xorta tal-haga misruqa' liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Jonathan Sciberras u/jew persuni ohra;

6. Nhar il-25 ta' Mejju 2020 ghal-habta ta' bejn l-11:50 ta' filghodu u s-01:30 ta' wara nofsinhar minn gewwa residenza 33, Feline, Flat 3, Triq San Patrick Stuart, Gzira, ikkommettiet serq ta' chaser u/jew affarijiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' u bil-'lok' liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Stephanie Bartolo u/jew persuni ohra;

7. Kisret il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, datata 26 ta' Ottubru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputata bhala recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta hija kienet giet misjuba hatja u kkundannatha ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u x-xewqa taghha li hija taghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 49, 261(c)(e)(f)(g), 267, 269(g), 270, 271(g), 284, 289, 309, u 310(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sentejn prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni tya'l-artikolu 28B(2)(b) ta'l-istess Kapitolu 9 qed testendi l-perjodu operativ tas-sentenza sospiza mghotija f'l-26 ta' Ottubru 2019 b'erbgha snin mill-lum; il-Qorti qed testendi ukoll l-Ordni ta' Supervizjoni impost flimkien mas-sentenza ta'l-20 ta' Ottubru 2019 b'erbgha snin mill-llum.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tirrakkomanda li l-imputata tinghata bl-opportunita li taghmnel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**